MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2015

Rikors Numru. 1027/2014

**A.C.B. International Company Limited (C2584)**

**vs**

**Denisons Properties Limited (C32653)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Denisons Properties Limited li permezz tieghu ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti intalbet:

1. Tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1258/14 GCD fl-ismijiet A.C.B. International Company Limited (C2584) vs Denisons Properties Limited (C32653) u dan ai termini tal-Artikoli 836 subinciz (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 subinciz (8) u (9) fil-konfront tas-sekwestranta.

3. Alternattivament jekk l-ewwel zewg talbiet ma jintlaqghux, tordna lis-sekwestranta taghti garanzija idonea fil-ligi sabiex taghmel tajjeb ghal-ispejjez u d-danni li qed isoffri r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ A.C.B. International Company Limited li in forza taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra l-istess socjetà ssottomettiet li t-talba ghandha tigi michuda.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta din il-procedura, s-socjetà Denisons qed titlob illi din il-Qorti tirrevoka mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha fl-ammont komplessiv ta' aktar minn tlett miljun Ewro, in kawtela ta' prezz ta' akkwist ta' proprjetà ai termini ta' weghda ta' bejgh.

Ikkunsidrat illi ghandu jigi enfasizzat li fi proceduri ta din ix-xorta, kull ezami li taghmel din il-Qorti huwa limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi l-iskrutinju profond mehtieg jibqa' dejjem rizervat ghall-Qorti fil-kawza dwar il-mertu.

Jigi konfermat inoltre li din il-Qorti m'ghandhiex tiskarta leggerment id-dritt ta' kreditur li jikkawtela b'kull mezz li taghtih il-ligi d-drittijiet u l-krediti minnu pretizi, liema mezzi l-istess kreditur ghandu juza b'responsabbilità kbira u b'konsapevolezza pjena tal-konsegwenzi legali kollha li jiskattaw f'kaz ta' nuqqas.

Fil-kaz in ezami, s-socjetà rikorrenti Denisons Properties Limited isejjes it-talba taghha l-ewwel nett fuq l-Art. 836 (1) (d) u (f) li jipprovdi ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju.

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Fil-kaz in ezami, il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda weghda ta' bejgh ta' art. L-att ta' trasferiment tal-proprjetà ma sarx, u ghaldaqstant l-art *de quo* ghadha fil-pussess tal-istess kreditur u b'hekk din il-Qorti tqis li qeghda tipprovdi lilu garanzija ottima jekk mhux ghat-totalità tal-pretensjoni tieghu, zgur ghal parti sostanzjali minnha. L-istess socjetà A.C.B. fit-twegiba taghha tikkonferma illi t-telf u d-dannu li l-esponenti qeghda ggarrab huwa fost ohrajn it-telf tal-frott mill-kapital li kellu jkun ghandha. Inoltre, fl-istess talba taghha ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru hija llimitat ruhha ghall-valur tal-proprjetà (li ghadha ghanda) u l-imghaxijiet li gew gustifikati lill-Qorti kif diversament presjeduta permezz ta' nota.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li, galadarba s-sorte kif indikat fl-istess mandat huwa garantit bl-istess proprjetà, il-mandat ta' sekwestru ghandu jibqa' jikkawtela biss l-imghax kalkolat fl-ammont ta' €745,399.36.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tordna li l-ammont tal-kreditu kawtelat bil-mandat ta' sekwestru 1258/14 jigi ridott ghal €745,399.36.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------